IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.7.2014
COM(2014) 464 final

GREEN PAPER

Is-Sikurezza tas-Servizzi tal-Akkomodazzjoni Turistika

GREEN PAPER

Is-Sikurezza tas-Servizzi tal-Akkomodazzjoni Turistika

Werrej

1. INTRODUZZJONI 4

2. KAMP TA' APPLIKAZZJONI 7

3. OBJETTIVI 9

4. MISTOQSIJIET 9

4.1. Strumenti eżistenti 9

4.1.1. Livell nazzjonali 9

4.1.2. Livell Ewropew 10

4.1.3. Monitoraġġ u infurzar 10

4.2. Il-konsistenza ta' approċċi nazzjonali 10

4.3. L-impatt tas-sitwazzjoni regolatorja eżistenti fuq is-Suq Intern 11

4.4. Aspetti trasversali 12

4.4.1. Intrapriżi żgħar u ta' daqs medju 12

4.4.2. L-aċċessibbiltà u l-konsumaturi vulnerabbli 12

4.4.3. Dejta dwar korrimenti u inċidenti 13

4.4.4. Standards 13

4.4.5. Ħiliet u Taħriġ 14

4.5. L-iktar livell u strumenti xierqa biex jindirizzaw is-sikurezza 14

4.5.1. Livell 14

4.5.2. Strumenti Alternattivi 14

4.6. Mistoqsija finali 15

5. RIMARKI TAL-GĦELUQ 15

1. INTRODUZZJONI


L-Ewropa hija d-destinazzjoni numru wieħed fid-dinja għat-turiżmu. Fl-2013, aktar minn 560 miljun vjaġġatur internazzjonali żaru l-Ewropa, riżultat li qabeż il-figuri ferm tajbin tal-2012. It-tkabbir kien partikolarment b'saħħtu fin-nofsinhar u fl-Ewropa Ċentrali[1].

Il-kontinent tagħna huwa wkoll id-destinazzjoni turistika preferuta mill-Ewropej infushom. Fl-2013, kważi 40% tal-Ewropej qattgħu l-btajjel tagħhom fl-Ewropa, 5% aktar milli fl-2012.

Skont l-aħħar stħarriġ tal-Ewrobarometru[2], it-turisti fl-Ewropa iħossuhom sikuri u sodisfatti ħafna. Dawk li wieġbu esprimew livell għoli ta' sodisfazzjon b'ħafna mill-aspetti tal-btala tagħhom tal-2013, b'mod partikolari bis-sikurezza (95%) u l-kwalità tal-akkomodazzjoni tagħhom.

Biex iżżomm u ssaħħaħ il-pożizzjoni ewlenija tal-Ewropa fit-turiżmu fid-dinja, fl-2010, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni li tistabbilixxi strateġija komprensiva sabiex tingħata spinta lill-kompetittività tas-settur. Is-sikurezza tal-akkomodazzjoni turistika tirriżulta li hija waħda mill-azzjonijiet f'din il-Komunikazzjoni. Fil-fatt, livelli adegwati u effiċjenti ta' sikurezza jistgħu jżidu l-fiduċja tal-konsumaturi u jsaħħu t-tkabbir billi joħolqu ambjent favorevoli għall-intraprizi u għal kooperazzjoni fost l-Istati Membri, u jippermettu kompetittività akbar tal-qasam tat-turiżmu.

Fl-2013, in-numru ta' ljieli mqattgħin fi stabbilimenti ta' akkomodazzjoni turistika fl-UE28, laħaq il-livell massimu ta' 2.6 biljun lejl[3]. Barra minn hekk, l-għadd ta' ljieli mqattgħin fi stabbilimenti ta' akkomodazzjoni turistika minn mhux residenti[4] (jiġifieri mistednin li ġejjin minn pajjiżi oħrajn) żdied b'4.8% fl-UE28 bejn l-2012 u l-2013, u fl-2013 dan kien jammonta għal 45% tal-iljieli.



[1] UNWTO Tourism Barometer, Jannar 2014 http://media.unwto.org/press-release/2014-01-20/international-tourism-exceeds-expectations-arrivals-52-million-2013

[2] http://europa.eu/rapid/press-release_IP-14-144_en.htm

[3] EUROSTAT. Stqarrija stampa sommarja tad-29/01/2014 fuq http://europa.eu/rapid/press-release_STAT-14-16_en.htm

[4] Fil-kuntest ta' din id-dejta, lejl imqatta' (jew soġġorn ta' lejla waħda) huwa kull lejl li mistieden/turista, mhux residenti tal-pajjiż, fil-fatt iqatta' fi stabbiliment ta' akkomodazzjoni turistika. Għal definizzjoni tal-ambitu tal-istabbilimenti tal-akkomodazzjoni turistika, ara l-Kapitolu 2 ta' din il-Green Paper.

Numru ta' ljieli mqattgħin fi stabbilimenti ta' akkomodazzjoni turistika fl-UE28		
Iljieli totali mqattgħin	Iljieli mqattgħin minn mhux residenti	Iljieli mqattgħin minn residenti

F'xi pajjiżi, bħal Malta, Ċipru jew il-Kroazja, l-okkupanza tal-akkomodazzjonijiet turistiċi tiddependi kważi kollha kemm hi fuq mhux residenti (96%, 93% u 92% rispettivament), filwaqt li f'pajjiżi oħrajn bħar-Rumanija (18%), il-Polonja jew il-Ġermanja (fiż-żewġ pajjiżi 20% tal-okkupanza hija minn mhux residenti) is-sitwazzjoni hija eżattament l-oppost.

It-tħassib tat-turisti li għandu x'jaqsam mas-sikurezza ilu jiġi mmonitorjat regolarment kull sena mill-2008 permezz tal-istħarriġ tal-Ewrobarometru, b'emfasi wkoll fuq is-sikurezza tal-lukandi u s-sikurezza kontra n-nirien. L-istħarriġ annwali jikkonferma konsistentament li s-sikurezza ma hija qatt ta' tħassib għat-turisti Ewropej (it-tweġibiet ikklassifikaw bejn 0% u 1%). Madankollu, kultant jistgħu jseħħu xi inċidenti, li jaffettwaw direttament lill-operaturi kkonċernati, iżda wkoll indirettament lir-reputazzjoni tad-destinazzjoni rilevanti b'impatti negattivi addizzjonali fuq operaturi oħrajn. Is-sikurezza tas-servizzi tal-akkomodazzjoni turistika hija l-kompetenza tal-Istati Membri, il-preżenza ta' dimensjoni transfruntiera tant b'saħħitha tissuġġerixxi riflessjoni fuq il-livelli ta' kwalità u sikurezza ta' dawn is-servizzi madwar l-Istati Membri.

Dan, flimkien mal-indikazzjonijiet tar-rapport tal-Kummissjoni 2003 dwar is-Sikurezza tas-Sevizzi għall-Konsumaturi[5], li rrakkomandaw li l-bażi tal-għarfien dwar id-dejta miġbura rigward ir-riskji u l-inċidenti għandha titjieb u li l-politiki u l-miżuri tal-Istati Membri għandhom jiġu mmonitorjati, wassal lill-Kummissjoni sabiex tikkunsidra l-kwistjoni tas-sikurezza tas-servizzi ta' akkomodazzjoni turistika fuq livell Ewropew f'dawn l-aħħar snin, kemm billi tinvolvi ruħha fi djalogu mal-partijiet interessati rilevanti kif ukoll billi tieħu azzjonijiet bil-għan li tissaħħaħ il-bażi ta' għarfien eżistenti.

Serje ta' studji u gruppi ta' ħidma dwar il-metodoloġiji użati għall-ġbir ta' dejta fuq l-inċidenti u l-korrimenti, relatati mas-servizzi, ipprovdew intuwitu aktar profond f'dan is-suġġett (ara sezzjoni 2.1 f'Anness 1). Il-Kummissjoni appoġġat u ffaċilitat dibattiti dwar inizjattivi awto-regolatorji mis-settur tal-ospitalità, kif ukoll dwar opinjonijiet dwar l-aqwa modi 'l quddiem (ara sezzjoni 2.2 f'Anness 1). Dan l-aħħar, saru bosta tentattivi sabiex jiġu identifikati r-riskji relatati mas-sikurezza u biex tinġabar u tingħaqad dejta rilevanti fis-settur tal-akkomodazzjoni turistika, u dawn urew invarjabbilment il-kumplessità tal-kompitu, minħabba taħlita ta' fatturi bħal pereżempju, il-varjetà ta' lukandi fi ħdan is-settur jew kwistjonijiet relatati mar-reputazzjoni[6].

Għalkemm ċerti rekwiżiti legali relatati mas-suġġett tas-sikurezza kontra n-nirien f'akkomodazzjonijiet għat-turisti jirriżultaw mid-Direttiva dwar il-Prodotti tal-Kostruzzjoni u l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, ma teżisti ebda leġiżlazzjoni orizzontali fuq livell tal-UE u l-ebda approċċ standard fir-rigward tas-sikurezza tas-servizzi tal-akkomodazzjoni turistika implimentat fil-livell nazzjonali, kif jidher minn konsultazzjoni reċenti mal-Istati Membri dwar il-qafas regolatorju u mhux regolatorju eżistenti dwar is-sikurezza tal-akkomodazzjoni turistika fost oqsma oħrajn.

[5] http://ec.europa.eu/consumers/cons_safe/serv_safe/reports/safety_serv_rep_en.pdf

[6] Fl-2010, il-Kummissjoni tat bidu għal studji bil-għan li jkollha deskrizzjoni tar-riskji maġġuri għas-sikurezza fis-settur tal-lukandi fl-UE, u biex tagħmel inventarju tal-korrimenti u tal-inċidenti li seħħew tul dawn l-aħħar snin. Il-varjetà tas-settur tal-lukandi u n-nuqqas ta' disponibbiltà ta' rekords dwar inċidenti relatati speċifikament mal-għoti tas-servizz, flimkien ma' kwistjonijiet ta' reputazzjoni wkoll, finalment ma ppermettewx lill-kuntrattur sabiex jiġbor u janalizza id-dejta mixtieqa.

Is-sikurezza fl-akkomodazzjonijiet għat-turisti u fis-settur HORECA b'mod ġenerali, hija wkoll parti importanti mis-Saħħa u Sigurtà fuq il-post tax-xogħol[7]. Barra minn hekk, hemm korpus stabbilit sew tal-leġiżlazzjoni tas-settur dwar l-ambjenti mibnija, lifts, u prodotti oħrajn użati fis-settur tal-kostruzzjoni.

L-eżistenza ta' approċċi differenti għal regolamenti dwar is-sikurezza mhijiex kwistjoni fiha nfisha, diment li l-konsumatur Ewropew li juża dan it-tip ta' servizz madwar l-UE jkun protett b'mod adegwat irrispettivament mill-għażla tad-destinazzjoni tiegħu/tagħha.

Il-konsumaturi jistennew li jkunu jistgħu jixtru servizzi ta' akkomodazzjoni turistika b'fiduċja għas-sikurezza tagħhom irrispettivament mill-għażla tagħhom ta' akkomodazzjoni jew destinazzjoni fl-UE. F'dan il-kuntest, u abbażi tas-suppożizzjoni bażika li l-konsumaturi Ewropej għandhom dritt għal livelli adegwati ta' sikurezza, li jkunu implimentati u infurzati b'mod effettiv kull fejn imorru fl-UE, il-mistoqsijiet li ġejjin huma rilevanti:

1/ Kif inhi **rregolata** u **mmonitorjata s-sikurezza għall-konsumatur** fil-qasam tal-akkomodazzjoni turistika fl-Istati Membri?

2/ Il-forniturі tas-servizzi tal-akkomodazzjonijiet turistiċi li joperaw bejn il-fruntieri huma soġġetti għal rekwiżiti li jiżguraw b'mod xieraq il-protezzjoni tal-konsumaturi, u li għalihom l-operazzjoni transfruntiera ma timplikax li jaħarbu kwalunkwe minn dawn ir-rekwiżiti minħabba l-eżistenza ta' **diskrepanzi** kritiċi?

3/ Id-diversità fis-sistemi nazzjonali u fil-metodi għas-sorveljanza u l-infurzar użati madwar l-UE għandha effett sinifikanti fuq l-għoti ta' servizzi ta' akkomodazzjoni **minn naħa għall-oħra tal-fruntieri**?

4/ Ċerti **aspetti trażversali,** qegħdin jiġu kkunsidrati b'mod effettiv**,** bħall-impatt tal-ambjent regolatorju fuq l-SMEs u fuq il-konsumaturi vulnerabbli, jew il-mod kif il-kwistjonijiet ta' aċċessibbiltà jew l-użu ta' standards għal dawn is-servizzi qed ikun integrat fil-qafas regolatorju eżistenti?

5/ **Il-livelli** attwali li fuqhom hija rregolata s-sikurezza ta' akkomodazzjoni turistika huma l-aktar xierqa u t-tipi ta' strumenti fis-seħħ huma l-aktar xierqa?

Huwa fatt li l-eżistenza ta' approċċi differenti għar-regolazzjoni tas-sikurezza tagħmilha aktar diffiċili li jsir paragun tal-protezzjoni tas-sikurezza li jgawdu minnha ċ-ċittadini Ewropej li jużaw is-servizzi ta' akkomodazzjoni turistika fl-Unjoni Ewropea.

Bħala tweġiba **għall-ewwel mistoqsija** dwar il-qafas regolatorju eżistenti fl-Unjoni Ewropea, u skont it-tagħrif l-aktar reċenti disponibbli għas-servizzi tal-Kummissjoni, jidher li hemm differenzi importanti bejn il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali. Ir-riżultati ta' stħarriġ li sar fl-2013 urew li minn 24 Stat Membru li pparteċipa, 16 minnhom għandhom leġiżlazzjoni settorjali speċifika dwar is-servizzi ta' akkomodazzjoni turistika. Jidher li hemm ukoll differenzi sostanzjali fid-daqs u l-kontenut tal-leġiżlazzjoni settorjali nazzjonali: eżempju, waqt li l-maġġoranza ta' dawn is-16-il Stat Membru fil-leġiżlazzjoni jinkludu obbligazzjonijiet relatati mal-kundizzjoni tal-bini jew il-kwalifiki tal-fornitur tas-servizz, 8 biss jeħtieġu l-istabbiliment ta' awtoritajiet kompetenti biex jimmonitorjaw u jieħdu azzjoni, u 5 Stati Membri biss jinkludu obbligazzjonijiet biex jidentifikaw u jevalwaw ir-riskji.

Minbarra l-qafas regolatorju eżistenti fl-Istati Membri, kwistjoni oħra li għandha titqies hija jekk u kif dan il-qafas qed ikun infurzat u mmonitorjat. Dan id-dokument qed ifittex intuwitu aħjar f'dan l-aspett ukoll.

[7] https://osha.europa.eu/

Fir-rigward **tat-tieni mistoqsija,** dan id-dokument qed ifittex li jesplora jekk l-eżistenza ta' rekwiżiti differenti fl-Istati Membri tistax tagħti lok għal nuqqasijiet fil-livelli ta' sikurezza, speċjalment meta l-fornituri tas-servizz joperaw minn naħa għall-oħra tal-fruntieri u jistgħu ma jinqabdux b'mod adegwat bil-leġiżlazzjoni eżistenti fi kwalunkwe Stat Membru.

Għat-tielet mistoqsija dwar il-provvediment tas-servizz, din hija mfassla sabiex taċċerta jekk din id-diversità fis-sistemi nazzjonali tħallix impatt fuq il-kundizzjonijiet ekwi f'settur li huwa kritiku għall-benesseri ekonomiku tal-UE u l-immaġni tiegħu bħala destinazzjoni turistika mixtieqa, b'mod partikolari għal ċertu kategoriji ta' servizzi transfruntieri. F'dan il-kuntest, jitqiesu wkoll strumenti u prattiki żviluppati mill-industrija[8].

Fir-rigward **tar-raba' mistoqsija**, huwa ċar li, għal bilanċ korrett bejn il-bżonnijiet u s-soluzzjonijiet, hemm bżonn li jitqiesu b'attenzjoni l-impatti fuq il-partijiet kollha involuti. Konsumaturi vulnerabbli, konsumaturi bi bżonnijiet ta' aċċessibbiltà speċifiċi, postijiet iżgħar jew lukandi kbar jistgħu jħarsu lejn din il-kwistjoni minn perspettivi differenti u għaldaqstant għandhom jitqiesu kunsiderazzjonijiet differenti. F'dan il-kuntest tista' tkun rilevanti wkoll diskussjoni dwar il-benefiċċji tal-użu tal-istandardizzazzjoni fir-rigward ta' servizzi ta' akkomodazzjoni turistika fl-UE.

Fl-aħħar nett, fir-rigward **tal-ħames mistoqsija**, għad irid jiġi esplorat il-livell li fih is-sikurezza f'dan il-qasam tkun indirizzata l-aħjar għall-benefiċċju kemm tal-konsumaturi kif ukoll tan-negozji.

Miżuri kwantitattivi biex ikunu evalwati l-kwistjonijiet li tqajmu hawn fuq, minħabba, fost raġunijiet oħrajn, l-approċċ frammentat lejn il-ġbir tad-dejta dwar inċidenti u korrimenti relatati mal-għoti ta' servizzi ta' akkomodazzjoni turistika madwar l-UE, bilkemm huma disponibbli (ara sezzjoni 2.1 fl-Anness 1). Fin-nuqqas ta' din il-kwantifikazzjoni, dan id-dokument ifittex li jiġbor kemm jista' jkun evidenza u dejta.

2. KAMP TA' APPLIKAZZJONI

Skont in-NACE, il-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea, stabbilimenti ta' akkomodazzjoni turistika li jipprovdu bħala servizz imħallas servizzi ta' akkomodazzjoni għal perjodu qasir jew soġġorni qosra huma klassifikati kif ġej[9]:

(1) Lukandi u akkomodazzjoni simili[10]

- Lukandi (u stabbilimenti simili, eżempju, li joperaw bl-isem ta' bed and breakfast);
- Resort hotels;

---

[8] Dawn il-prattiki jinkludu l-Metodoloġija MBS (il-Maniġment, Bini u Sistemi) u strumenti simili, minħabba li dawn iġorru dispożizzjonijiet u preskrizzjonijiet relatati mas-sikurezza.

[9] Ir-Regolament 692/2011 dwar l-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu (http://eurlex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2011:192:0017:0032:MT:PDF) jiddefinixxi stabbiliment ta' akkomodazzjoni turistika bħala unità ta' tip ta' attività […] li jipprovdi bħala servizz imħallas – għalkemm il-prezz jista' jkun parzjalment jew kompletament issussidjat – servizzi ta' akkomodazzjoni għal soġġorni qosra kif deskritt fil-gruppi 55.1 (lukandi u akkomodazzjoni simili), 55.2 (akkomodazzjoni għal vaganza u soġġorni qosra oħra) u 55.3 (postijiet għall-kampeġġ, parkeġġi għal vetturi ta' rikreazzjoni u parkeġġi għal karrijiet) ta' NACE Rev.2 (l-Artikolu 2(1)(l)).

[10] Din il-klassi tinkludi l-provvediment ta' akkomodazzjoni, normalment fuq bażi ta' kuljum jew ta' kull ġimgħa, prinċipalment għal soġġorni qosra minn viżitaturi. Is-servizzi jinkludu t-tindif u l-frix tas-sodod ta' kuljum. Tista' tkun offruta firxa ta' servizzi oħra bħal servizzi ta' ikel u xorb, ipparkjar, servizzi ta' *laundry*, pixxini u kmamar għall-eżerċizzju, faċilitajiet rikreazzjonali kif ukoll faċilitajiet għal konferenzi u konvenzjonijiet.

- Suite/apartment hotels;
- Motels.

Din il-klassi teskludi l-provvediment ta' djar u appartamenti bl-għamara jew mingħajr għamara jew appartamenti għal użu aktar permanenti, normalment fuq bażi ta' kull xahar jew bażi annwali [11].

(2) Akkomodazzjoni għal btajjel u għal waqfiet qosra oħra[12]

- Tfal u villeġġjaturi oħrajn;
- Appartamenti u bungalows għall-viżitaturi;
- *Cottages* u kabini mingħajr is-servizzi ta' tindif intern;
- Ħostels għaż-żgħażagħ u refuġji fuq il-muntanji.

Din il-klassi teskludi l-provvediment ta' djar u appartamenti bl-għamara jew mingħajr għamara jew appartamenti għal użu aktar permanenti, normalment fuq bażi ta' kull xahar jew bażi annwali.

(3) Postijiet għall-kampeġġ, parkeġġi għal vetturi ta' rikreazzjoni u parkeġġi għal karrijiet

- Akkomodazzjoni f'postijiet għall-kampeġġ, parkeġġi għal karrijiet, kampeġġi ta' rikreazzjoni u kampijiet tas-sajd u tal-kaċċa għall-viżitaturi għal soġġorni qosra;
- Spazji u faċilitajiet għal vetturi ta' rikreazzjoni.
- Xelters protettivi jew faċilitajiet ta' bivouac sempliċi sabiex jittellgħu tined u/jew għal *sleeping bags*.

Il-qofol ta' din il-konsultazzjoni hija fuq is-servizzi tal-akkomodazzjoni turistika f'koerenza mad-definizzjonijiet inklużi fil-klassifikazzjoni ta' hawn fuq. Dawn is-servizzi huma tabilħaqq użati mill-konsumaturi fuq bażi okkażjonali, u ħafna drabi barra l-pajjiż, fejn jistgħu jkunu inqas familjari mal-ambjent, mal-kultura, mat-tradizzjoni, mal-lingwa u mas-sistema legali.

Id-dibattitu dwar is-sikurezza tal-akkomodazzjoni turistika s'issa ffukat prinċipalment fuq kwistjonijiet ta' sigurtà f'każ ta' nirien. Tabilħaqq, filwaqt li l-każijiet ta' nirien fil-lukandi jirrappreżentaw biss perċentwal żgħir ħafna ta' diżgrazzji relatati man-nar, l-inċidenti jista' jkollhom impatt potenzjalment qawwi.

Madankollu, diversi partijiet ikkonċernati jargumentaw li s-sikurezza tal-akkomodazzjoni turistika mhix biss dwar is-sikurezza f'każ ta' nar. Aspetti oħra ta' sikurezza jinkludu l-istat tal-bini (faċilitajiet ta' divertiment, gallariji, kmamar tas-sodda, kmamar tal-banju, kurituri, bibien tal-ħġieġ, eċċ.) jew ir-riskji relatati mat-tnixxijiet tal-monossidu tal-karbonju (eż. minn użu ħażin jew difetti fis-sistemi tas-sħana fl-akkomodazzjoni turistika), li xi drabi huma l-kawża ta' għadd akbar ta' korrimenti, mard, jew imwiet.

---

[11] Akkomodazzjonijiet mikrija għal vaganzi privati (bħal appartamenti jew vilel – li ġeneralment jinkrew għal perjodu qasir li rari jaqbeż xahar) huma wkoll akkomodazzjonijiet "imħallsa" bħal-lukandi, iżda mhumiex soġġetti għall-istess rekwiżiti legali bħal-lukandi fejn ir-rekwiżiti legali tagħhom għandhom ikunu riflessi fejn dawn joħolqu riskji ta' sikurezza.

[12] Din il-klassi tinkludi l-provvediment ta' akkomodazzjoni, normalment fuq bażi ta' kuljum jew fuq bażi ta' ġimgħa, prinċipalment għal viżitaturi fuq soġġorni qosra, fi spazji integrati li fihom kmamar bl-għamara jew spazji għas-salott/il-kamra tal-pranzu u għall-irqad, b'faċilitajiet tat-tisjir jew kċejjen mgħammra b'mod sħiħ. Din tista' tieħu l-forma ta' appartamenti jew appartamenti f'bini żgħir waħdu b'ħafna sulari jew gruppi ta' bini, jew *bungalows* b'sular wieħed, *chalets*, *cottages* u kabini. Servizzi kumplimentari minimi ħafna, jekk hemm, jiġu pprovduti.

Eżempju ta' każ

Monossidu tal-karbonju f'akkomodazzjoni turistika

Fl-2006, żewġ itfal Brittaniċi mietu vvelenati bil-monossidu tal-karbonju waqt li kienu fuq btala f'lukanda f'Korfu, il-Greċja. Iċ-ċumnija li tħalli l-ossiġnu jidħol u tneħħi l-monossidu tal-karbonju ma twaħħlitx u tħalliet fuq l-art, filwaqt li l-bojler kien qed jinżamm wieqaf permezz ta' ġebla. It-*thermostat* li hu ddisinjat biex jaqta' l-bojler f'każ ta' ħruġ ta' dħaħen velenużi ma kienx imqabbad mad-dawl. Il-monossidu tal-karbonju ħareġ mill-kamra tal-bojler u daħal fil-bungalow għal ġos-salott minn xi toqob mhux magħluqin li saru minħabba sistema ta' arja kkundizzjonata. Fi żmien minuta, l-ammont tal-monossidu tal-karbonju fil-bungalow laħaq livell fatali.

3. OBJETTIVI

L-iskop ta' dan id-dokument huwa li jniedi konsultazzjoni pubblika dwar is-sigurtà tas-servizzi tal-akkomodazzjoni turistika. L-objettivi huma li jinġabru kummenti mingħand il-partijiet kollha konċernati fil-kwistjoni tas-servizzi tal-akkomodazzjoni turistika, bil-għan li jkun evalwat jekk il-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq humiex qed ikunu indirizzati biżżejjed u b'mod effettiv, u jekk hemmx evidenza ta' riskji ġodda u jekk l-għodod eżistenti humiex adegwati. Dan id-dokument ikompli jistaqsi dwar il-livell li fih l-azzjoni tkun l-aktar effettiva biex tikkontribwixxi b'mod utli għal livelli effettivi ta' sikurezza għall-konsumaturi. Dan id-dokument ifittex ukoll għajnuna biex jikkwantifika dawn il-kwistjonijiet.

Meta wieħed iżomm f'moħħu wkoll li l-Kummissjoni timmira li żżid il-kompetittività tas-settur tat-turiżmu billi toħloq ambjent favorevoli għall-intrapriżi u għall-kooperazzjoni fost l-Istati Membri, u li s-sostenibbiltà tat-turiżmu Ewropew tiddependi fuq il-kwalità tal-esperjenza tat-turist, u allura anki fuq is-sikurezza tiegħu, dan id-dokument għandu l-intenzjoni li jidentifika għażliet sabiex tiżdied il-bini tal-fiduċja kemm għall-intrapriżi kif ukoll għall-konsumaturi.

4. MISTOQSIJIET

Il-mistoqsijiet ta' hawn taħt għandhom l-għan li jevalwaw il-ħames aspetti fundamentali li ġew identifikati iktar kmieni f'dan id-dokument: jekk **l-istrumenti eżistenti** u l-implimentazzjoni tagħhom humiex **adegwati u suffiċjenti (1)** billi titkejjel in-natura u l-firxa tar-riskji għas-sikurezza, u r-rabta tagħhom ma' difetti jew **nuqqasijiet (2)** fil-qafas leġislattiv attwali, u kemm għandhom impatt fuq l-għoti ta' dawn is-servizzi **bejn il-fruntieri (3)**, kif ukoll **fuq SMEs u fuq konsumaturi vulnerabbli (4)**, sabiex issir distinzjoni ċara bejn liema objettivi jintlaħqu l-aħjar u f'liema **livell (5)**.

L-Anness 1 jagħti deskrizzjoni dettaljata tal-għarfien attwali dwar l-aspetti deskritti fil-paragrafu preċedenti, u huwa intiż bħala materjal ta' referenza meta jiġu indirizzati l-mistoqsijiet t'hawn taħt.

4.1. Strumenti eżistenti

Is-sikurezza tal-konsumaturi meta jużaw is-servizzi ta' akkomodazzjoni turistika trid l-ewwel nett tiġi evalwata billi jiġi analizzat l-ambjent regolatorju eżistenti madwar l-UE u l-implimentazzjoni tiegħu.

4.1.1. Livell nazzjonali

M 1 – Tista' tagħti referenza/i għal regolamenti dwar is-sikurezza tal-akkomodazzjoni turistika fuq livell nazzjonali f'pajjiż speċifiku jew f'pajjiżi speċifiċi?

M 2 – Tikkunsidra li r-regoli eżistenti fuq livell nazzjonali qed jindirizzaw ir-riskji b'mod adegwat, u għalhekk qed jiżguraw il-protezzjoni tal-konsumaturi b'mod effiċjenti? Jekk jogħġbok indika r-raġunijiet tiegħek u pprovdi kull evidenza biex issaħħaħ il-pożizzjoni tiegħek.

4.1.2. Livell Ewropew

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 86/666/KEE dwar is-sikurezza kontra n-nirien fil-lukandi eżistenti hija l-uniku strument Ewropew fil-qasam tas-sikurezza fl-akkomodazzjoni turistika. Dan l-aħħar, il-Kummissjoni ħadet inizjattivi biex tevalwa jekk ir-Rakkomandazzjoni attwali għandhiex tiġi riveduta u aġġornata bil-għan li jiġi żgurat l-ogħla livell possibbli ta' sikurezza fil-lukandi madwar l-UE kollha.

M 3 – Ir-Rakkomandazzjoni eżistenti 86/666/KEE hija biżżejjed biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tas-sikurezza fis-sikurezza tal-akkomodazzjoni turistika?

M 4 - Jekk għandek evidenza li turi l-kontra, liema huma l-oqsma li jeħtieġu titjib?

4.1.3. Monitoraġġ u infurzar

Huwa rilevanti li tkun taf jekk hemmx rekwiżiti għas-sorveljanza tas-suq fil-leġiżlazzjoni relatata mas-sikurezza fl-akkomodazzjoni turistika fl-Istati Membri. Rekwiżiti bħal dawn għandhom x'jaqsmu mal-obbligi f'dak li għandu x'jaqsam ma':

- L-istabbiliment ta' awtoritajiet responsabbli għall-monitoraġġ tas-sikurezza tas-servizz li għandhom is-setgħa li jieħdu miżuri xierqa,
- Proċeduri għall-iskambju ta' informazzjoni dwar żviluppi fil-politika u żviluppi regolatorji,
- Il-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-awtoritajiet,
- Il-ġbir sistematiku u l-evalwazzjoni ta' informazzjoni dwar ir-riskji tas-servizzi,
- L-iżvilupp ta' indikaturi ta' infurzar għall-monitoraġġ tal-konformità

M 5 – Kif inhuma infurzati r-regoli eżistenti (minn min, meta, kemm-il darba, eċċ.)?

M 6 – Kif tikklassifika l-effikaċja tal-mekkaniżmi ta' sorveljanza tas-suq eżistenti?

M 7 – Fil-fehma tiegħek, x'inhuma l-kwistjonijiet ewlenin relatati mal-infurzar tal-leġiżlazzjoni eżistenti? Kif tista' titjieb l-implimentazzjoni tal-istrument eżistenti?

M 8 – Liema oqsma tħoss li jistgħu jibbenefikaw l-aktar minn iktar kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qasam tas-sikurezza fl-akkomodazzjoni turistika? Liema jkunu l-isfidi ewlenin?

4.2. Il-konsistenza ta' approċċi nazzjonali

Kwalunkwe tentattiv sabiex jiġu identifikati diskrepanzi potenzjali fir-regoli dwar is-sikurezza tal-akkomodazzjoni turistika li jistgħu jkunu qegħdin jaffettwaw lill-konsumaturi madwar l-UE għandu jsir mill-perspettiva tal-effikaċja tal-firxa u kontenut tal-istrumenti eżistenti.

Il-livell ta' sikurezza attwali ta' servizz huwa stabbilit permezz tal-effetti aggregati tal-komponenti ewlenin li ġejjin:

- Is-sikurezza tal-bini, strutturi u apparat użati sabiex jingħata s-servizz;

- Il-ġestjoni tas-sikurezza (inkluż il-valutazzjoni tar-riskji sabiex tiġi evalwata l-firxa tar-riskju u jittieħdu l-miżuri tas-sikurezza x-xierqa skont il-bżonn);
- Il-kwalifiki tal-fornitur tas-servizz;
- It-taħriġ tal-persunal;
- Id-disponibbiltà u l-kwalità tal-informazzjoni dwar l-aspetti tas-sikurezza tas-servizz ipprovduta lill-utenti/konsumaturi;
- Id-disponibbiltà tal-pjanijiet ta' evakwazzjoni, proċeduri ta' emerġenza u apparat sabiex titnaqqas il-ħsara f'każ ta' inċidenti;
- Notifiki lill-awtoritajiet dwar ir-riskji u l-inċidenti;

B'mod partikolari, għas-servizzi tal-akkomodazzjoni turistika, jeħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali għal[13]:

- Definizzjoni konsistenti tal-bini għall-akkomodazzjoni turistika (it-tip, l-età, id-daqs u l-għoli);
- Aspetti ta' aċċessibbiltà;
- Rekwiżiti speċifiċi għall-konsumaturi vulnerabbli;
- Riskji relatati man-nirien;
- Riskji relatati mal-monossidju tal-karbonju (CO).

M 9 –Fil-leġiżlazzjoni rilevanti nazzjonali tiegħek, kif inhi definita l-akkomodazzjoni turistika?

M 10 – Id-definizzjonijiet dwar it-tip, id-daqs, l-għoli u l-età tal-bini tal-akkomodazzjoni turistika preżenti fil-leġiżlazzjoni eżistenti, huma xierqa?

M 11 – Ir-rekwiżiti elenkati hawn fuq huma inklużi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali eżistenti?

M 12 – Il-kunsiderazzjoni tar-rekwiżiti dwar kwistjonijiet ta' sikurezza tas-CO (monossidu tal-karbonji) tkun ta' benefiċċju? Jekk jogħġbok indika l-vantaġġi kemm għall-konsumaturi kif ukoll għall-intrapriżi.

M 13 – Il-ġestjoni tar-riskji hija integrate fil-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti?

M 14 – Huwa probabbli li d-differenza fl-oqfsa regolatorji eżistenti se taffettwa s-sikurezza tat-turisti? Dan l-impatt huwa relatat mal-infurzar ta' qafas bħal dan? Tista' tipprovdi xi eżempji konkreti?

4.3. L-impatt tas-sitwazzjoni regolatorja eżistenti fuq is-Suq Intern

L-għan ta' dan id-dokument huwa li jevalwa l-effikaċja tal-istrumenti eżistenti fil-protezzjoni tal-konsumaturi Ewropej. Madankollu, għandu jiġi kkwantifikat ukoll l-impatt ta' qafas bħal dan fis-suq intern sabiex jiġi evalwat kwalunkwe tgħawwiġ potenzjali fis-suq minħabba regoli li jkunu differenti.

[13] Kwistjonijiet ta' sikurezza tal-ikel huma esklużi mill-ambitu ta' dan id-dokument minħabba li huma koperti speċifikament mir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà ta' l-ikel, ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1–24.

M 15 – Id-differenzi fl-ambjenti regolatorji fl-Istati Membri tal-UE jaffettwaw in-negozju tat-turiżmu, b'mod speċjali fl-operazzjonijiet transfruntiera tagħhom? Dan l-impatt huwa pjuttost relatat mal-infurzar tal-oqfsa legali eżistenti? Tista' jekk jogħġbok tipprovdi eżempji konkreti?

4.4. Aspetti trasversali

4.4.1. Intrapriżi żgħar u ta' daqs medju

L-intrapriżi turistiċi żgħar jew mikro għandhom rwol indispensabbli fit-turiżmu Ewropew. 90% tal-intrapriżi tat-turiżmu (inkluż l-istabbilimenti tal-akkomodazzjoni) fl-Ewropa huma SMEs u mikro-SMEs.

Skont il-prinċipju "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir", il-politika ġenerali hija li mikrointrapriżi u negozji żgħar jiġu eżentati għal kollox jew parzjalment mill-piżijiet amministrattivi kull meta jkun possibbli[14]. Filwaqt li l-konformità mar-rekwiżiti tas-sikurezza tista' tabilħaqq tkun tiġi tiswa iktar flus u tieħu iktar ħin għal kumpaniji iżgħar milli għal kumpaniji ikbar, għandu jinkiseb l-aqwa bilanċ bejn il-ħtieġa għal regolamentazzjon aħjar u s-sikurezza tal-konsumatur.

M 16 – Jekk jogħġbok ikkwantifika l-piż amministrattiv attwali għall-intrapriżi turistiċi sabiex jikkonformaw mar-regolamenti tas-sikurezza eżistenti.

M 17- Jekk jogħġbok indika x'inhuma l-aktar aspetti li huma ta' piż/li jiswew il-flus għall-intrapriżi turistiċi sabiex jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar is-sikurezza.

M 18- Liema huwa t-tħassib ewlieni ta' fornituri tal-akkomodazzjoni turistika żgħar fir-rigward tal-konformità mar-regoli eżistenti dwar is-sikurezza?

4.4.2. L-aċċessibbiltà u l-konsumaturi vulnerabbli

Popolazzjoni li qed tixjieħ iġġib magħha sfidi u opportunitajiet għas-settur tal-akkomodazzjoni turistika kemm minn perspettiva ta' tkabbir kif ukoll minn perspettiva ta' sikurezza. Qiegħed jitbassar li l-għadd ta' persuni ta' aktar minn 65 sena huwa mistenni li jilħaq 20% tal-popolazzjoni fl-2020[15]. Dan il-grupp tal-popolazzjoni, li jikkonsisti minn individwi li jsiefru biex jonfqu kif ukoll biex jiddevertu, jirrappreżenta potenzjal għal suq sinifikanti. Madankollu, sabiex dan il-potenzjal jiġi sfruttat, għandhom jittieħdu miżuri ewlenin fuq aspetti relatati mas-sikurezza u l-aċċessibbiltà tagħhom.

Miżuri speċifiċi dwar is-sikurezza anki għal ċerti kategoriji ta' konsumaturi vulnerabbli jeħtieġ li jiġu evalwati, minħabba ħtiġijiet ta' aċċessibbiltà possibbli. Skont xi studji[16] is-suq potenzjali għal turiżmu aċċessibbli ġie stmat li jlaħħaq madwar 127 miljun persuna. Din iċ-ċifra tqis il-vjaġġaturi bi ħtiġijiet ta' aċċess speċjali (indebolimenti fiżiċi fit-tul/permanenti, anzjani, persuni li jakkompanjawhom jew li jagħtuhom il-kura jew familji bi tfal żgħar). Miżuri ta' sikurezza kontra n-nirien, kif ukoll pjanijiet ta' evakwazzjoni jew emerġenza fis-servizzi tal-akkomodazzjoni turistika offruti lill-konsumaturi jeħtieġ li jqisu l-ħtiġijiet speċjali ta' persuni b'diżabbiltajiet u b'mobbiltà mnaqqsa.

---

[14] Rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew 'L-imminimizzar tal-piż regolatorju għall-SMEsL-adattament tar-regolamentazzjoni tal-UE għall-bżonnijiet tal-intrapriżi mikro', COM(2011) 803 final

[15] Sors: Eurostat, Statistics in Focus 43/2012 "Europeans aged 65+ spent a third more on tourism in 2011 compared with 2006", Figura 11 (http://epp.eurostat.ec.europa.eu/cache/ITY_OFFPUB/KS-SF-12-043/EN/KS-SF-12-043-EN.PDF).

[16] http://www.accessibletourism.org/resources/enat_igm_3eichhorn.pdf

Għal raġunijiet differenti, iżda xorta fi ħdan il-grupp ta' konsumaturi vulnerabbli, miżuri ta' sikurezza għal persuni li għandhom inqas minn 15-il sena jeħtieġ li jirċievu livell ta' attenzjoni speċjali.

M 19 – Kif tista' l-kompatibbiltà ta' miżuri u regoli tas-sikurezza tkun żgurata bl-aħjar mod b'rekwiżiti ta' aċċessibbiltà li huma rilevanti għal persuni b'diżabbiltà u persuni anzjani?

M 20 – Lil hinn mill-kwistjonijiet ta' aċċessibbiltà, liema huma fl-opinjoni tiegħek l-aspetti dwar is-sikurezza fl-akkomodazzjoni turistika għal popolazzjoni li qiegħda tikber fl-età li għandhom jiġu kkunsidrati?

M 21– Lil hinn mill-kwistjonijiet ta' aċċessibbiltà, liema huma fl-opinjoni tiegħek l-aspetti dwar is-sikurezza fl-akkomodazzjoni turistika għal persuni b'diżabbiltajiet li għandhom jiġu kkunsidrati?

M 22 – Liema huma fl-opinjoni tiegħek l-aspetti dwar is-sikurezza fl-akkomodazzjoni turistika għal persuni li għandhom inqas minn 15-il sena li jeħtieġu jiġu kkunsidrati?

4.4.3. Dejta dwar korrimenti u inċidenti

Informazzjoni fattwali dwar is-sitwazzjoni tas-sikurezza fis-settur tal-akkomodazzjoni turistika madwar l-Unjoni Ewropea hija nieqsa. Dan huwa minnu madwar il-pajjiż Ewropej u fejn teżisti dejta, is-sorsi mhumiex armonizzati u aggregati għal sorveljanza madwar l-Istati Membri, u dan jagħmilha diffiċli ħafna sabiex tinkiseb ħarsa ġenerali sistematika dwar il-korrimenti u l-inċidenti relatati mal-fornimenti ta' servizzi ta' akkomodazzjoni turistika. Anki fil-pajjiżi fejn id-dejta hija disponibbli minn varjetà ta' sorsi bħal dipartimenti ta' kontra n-nirien, kumpaniji tal-assigurazzjoni, dipartimenti tal-emerġenza fi sptarijiet, ir-reġistrazzjonijiet ma jippermettux li tinkiseb dejta komprensiva u komparattiva. Studji speċifiċi dwar il-ġbir tad-dejta għal inċidenti u korrimenti fir-rigward tas-servizzi ta' akkomodazzjoni turistika konsistentament isemmu diffikultà biex tinkiseb dejta fuq livell tal-UE (ara sezzjoni 2.1 fl-Anness 1).

M 23 – Għandek dejta jew evidenza kwantitattiva dwar korrimenti u inċidenti li tindika kwistjonijiet ta' sikurezza fl-akkomodazzjoni turistika? Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi din din id-dejta jew evidenza.

M 24 – Liema huma fl-opinjoni tiegħek l-isfidi ewlenin relatati mal-ġbir ta' dejta bħal din u kif l-aħjar jistgħu jiġu indirizzati?

M 25- Fl-opinjoni tiegħek, ir-riluttanza li tagħmel dejta dwar inċidenti u korrimenti disponibbli minħabba spejjeż reputazzjonali kemm jista' jkollha impatt fuq kwistjonijiet ta' sikurezza?

M 26 – Fl-opinjoni tiegħek liema tkun l-iktar sistema xierqa u effettiva biex tiġbor dejta armonizzata minima fuq inċidenti u korrimenti?

4.4.4. Standards

Kwistjonijiet ta' sikurezza jiġu kkunsidrati wkoll fil-qasam tal-istandardizzazzjoni tas-servizzi mill-Organizzazzjonijiet ta' Standardizzazzjoni Ewropej. It-tkabbir tax-xogħol fil-qasam tal-istandardizzazzjoni tas-servizzi hija prijorità għall-Kummissjoni, li qiegħda tevalwa l-għażla biex tinkludi d-dimensjoni tas-sikurezza fix-xogħol ta' standardizzazzjoni li ġej mitlub mill-Kummissjoni[17].

[17] Il-Program ta' Ħidma tal-Unjoni għall-istandardazzjoni huwa implimentat ta' kull sena

M 27 – Kif jistgħu standards ta' sikurezza Ewropej jgħinu biex itejbu s-sikurezza tal-konsumatur fl-akkomodazzjoni turistika? X'jistgħu jkunu l-iżvantaġġi ewlenin? Jekk jogħġbok elabora t-tweġiba tiegħek, kemm minn perspettiva nazzjonali kif ukoll minn dik Ewropea.

M 28 – Jekk għandek xi eżempji ta' standards nazzjonali rigward is-sikurezza tal-akkomodazzjoni turistika, għandek evidenza li dawn għenu biex itejbu l-livelli ta' sikurezza għall-konsumatur?

4.4.5. Ħiliet u Taħriġ

Għarfien fuq is-sikurezza, il-kapaċità ta' tkabbir u taħriġ huma essenzjali. Taħriġ vokazzjonali u edukattiv għall-persunal u l-maniġers huwa strumentali biex jiġu identifikati riskji saħansitra qabel ma jseħħu u biex jiġu implimentati regolamenti eżistenti b'mod korrett. Madankollu, it-taħriġ turistiku fl-Istati Membri, ivarja b'mod sostanzjali bejn Stat Membru u ieħor. Dan jista' potenzjalment iwassal għal differenzi fl-eżistenza u fl-għoti ta' taħriġ dedikat fuq is-sikurezza u l-preżenza ta' ħiliet xierqa fis-settur.

M 29 – It-taħriġ dedikat fis-sikurezza/sigurtà kontra n-nirien għas-servizzi tal-akkomodazzjoni turistika huwa pprovdut regolarment fil-kurrikula nazzjonali jew fit-taħriġ vokazzjonali? Jekk iva, liema oqsma huma koperti?

M 30 – Hemm profili ta' xogħol speċifiċi ddedikati għas-sikurezza fl-akkomodazzjoni turistika? Jekk iva, liema suġġetti huma koperti?

4.5. L-iktar livell u strumenti xierqa biex jindirizzaw is-sikurezza

4.5.1. Livell

Fil-preżent, l-Istati Membri huma responsabbli għad-definizzjoni, l-applikazzjoni u l-modifikazzjoni ta' regoli rigward is-sikurezza fis-sikurezza tal-akkomodazzjoni turistika.

M 31 – Għandek evidenza kontra/favur l-effikaċja ta' kif tiġi indirizzata s-sikurezza fl-akkomodazzjoni turistika fuq livell nazzjonali/lokali/Ewropew?

M 32 – Liema jkunu l-vantaġġi li l-miżuri ta' sikurezza fuq livell nazzjonali/lokali/Ewropew jiġu indirizzati kemm mill-perspettiva tal-konsumatur kif ukoll minn dak ta' fornitur ta' servizzi? Liema jkunu l-iżvantaġġi prinċipali?

M 33 – Liema jkunu l-vantaġġi tal-leġiżlazzjoni Ewropea f'termini ta' livelli ta' sikurezza mtejba fuq is-sikurezza tal-akkomodazzjoni turistika?

M 34 - Jistgħu l-istess vantaġġi jinksibu permezz ta' infurzar aħjar u/jew suq ta' sorveljanza aħjar tal-leġiżlazzjoni nazzjonali eżistenti?

4.5.2. Strumenti Alternattivi

L-użu ta' awtoregolamentazzjoni bħala għodda alternattiva għal-leġiżlazzjoni huwa wkoll possibbli għal forniturі ta' servizzi fl-akkomodazzjoni turistika u l-effikaċja tiegħu għandu jiġi evalwat ukoll.: linji gwidi volontarji komuni (ngħidu aħna, gwidi għal valutazzjoni tar-riskji) jew kodiċijiet ta' prattika tajba huma wkoll mod kif jiġu integrati, fuq livell Ewropew, l-aspetti relevati tas-sikurezza biex jimtlew diskrepanzi potenzjali, filwaqt li jiġu kkunsidrati karatteristiċi transfruntiera tar-riskji għas-sikurezza involuti.

Il-metadoloġija tal-MBS hija eżempju wieħed ta' azzjoni awtoregolatorja. Dawn il-linji gwidi għas-sikurezza kontra n-nirien f'lukanda b'rekwiżiti għall-Maniġment (M), Bini (B) u Sistemi (S) huma

maħsuba biex jgħinu lil lukandi ta' kull daqs madwar l-Ewropa jadottaw livell għoli ta' sikurezza kontra n-nirien, b'appoġġ għal regolamenti u standards nazzjonali/reġjonali u lokali[18].

M 35 – X'esperjenzi nkisbu bl-użu ta' approċċi mhux regolatorji fil-pajjiż tiegħek?

M 36 - Liema jistgħu jkunu l-vantaġġi prattiċi tal-użu ta' awtoregolamentazzjoni fuq livell Ewropew?

M 37 – X'ikun, fl-opinjoni tiegħek, l-irwol tal-Kummissjoni jew ta' istituzzjonijiet oħrajn tal-UE fil-kuntest ta' awtoregolamentazzjoni?

M 38 – Tista' l-Metadoloġija tal-MBS tintuża bħala bażi għall-kompilazzjoni tal-aqwa prattiċi u l-identifikazzjoni ta' normi awtoregolatorji, b'adattamenti xierqa?

M 39 – Liema adattamenti għall-instrumenti awtoregolatorji li hemm bħalissa jkunu neċessarji biex jilħqu l-objettivi tagħhom b'mod sħiħ?

Għalkemm il-metadoloġija tal-MBS ġiet adottata diġà minn ħafna assoċjazzjonijiet nazzjonali tal-ospitalità fl-UE, din tibqa' waħda volontarja u ma tinkludix monitoraġġ jew rapportar tal-prestazzjoni. L-effikaċja ta' miżuri mhux regolatorji tiddependi fuq l-appoġġ li jirċievu mill-industrija, l-awtoritajiet u l-konsumaturi, u fl-istess ħin, trid tkun ibbażata fuq monitoraġġ adegwat tal-prestazzjoni u tar-riżultati tagħha. Linji gwidi tas-sikurezza żviluppati minn organizzazzjonijiet individwali jistgħu jkunu ta' interess għal oħrajn bil-kundizzjoni li dawn jiġu kondiviżi b'mod suffiċjenti.

M 40 – X'inhu l-aktar mod effettiv kif tissorvelja miżuri volontarji ta' sikurezza?

M 41 – X'inhuma l-fehmiet tiegħek dwar il-kondiviżjoni tal-għarfien dwar għodod volontarji madwar l-UE (benefiċċji/żvantaġġi, diffikultajiet potenzjali, stejjer ta' suċċess, eċċ.)?

4.6. Mistoqsija finali

M 42 - Għandek xi kummenti jew suġġerimenti oħra rigward is-sikurezza fl-akkomodazzjonijiet turistiċi?

5. RIMARKI TAL-GĦELUQ

L-għan ta' dan id-dokument hu li jiġbor informazzjoni fuq aspetti fattwali u fuq il-pożizzjoni u l-aspettattivi tal-partijiet interessati kif ukoll biex jistimula dibattitu pubbliku fuq l-aspetti tas-sikurezza tas-servizzi ta' akkomodazzjoni turistika. Il-Kummissjoni Ewropea hija impenjata li tqis bir-reqqa l-politiki, il-proposti u kull strument ieħor fl-istadji kollha, mill-ippjanar sal-implimentazzjoni u r-reviżjoni[19]. Konsegwentement, il-'Green Paper' hija maħsuba biex jinkiseb għarfien xieraq tal-kwistjonijiet li tkopri, u ma timplikax kors għal azzjoni predeterminat – jew il-ħtieġa ta' miżuri ġodda fuq livell tal-UE – bħala riżultat tal-konsultazzjoni.

[18] Eżempji oħra ta' awtoregolazzjoni jinkludu l-qafas strateġiku għas-sikurezza tal-lukandi u s-sikurezza tal-Intercontinental Hotel group (IHG), proċess ta' ġestjoni tar-riskji biex jippermetti u jagħti appoġġ lis-sidien u l-persunal tal-lukandi jiġġestixxu r-riskji b'mod effettiv; jew il-formula TRIC=S tal-grupp tal-lukanda Carlson and Rezidor għas-sikurezza u s-sigurtà tal-istrutturar (Valutazzjoni tat-theddid + Mitigazzjoni tar-Riskji + Rispons għall-inċidenti + Ġestjoni tal-kriżijiet, Komunikazzjoni u Kontinwità = Marki Sikuri, Bla Periklu u Li Jinbiegħu).

[19] http://ec.europa.eu/smart-regulation/index_en.htm

Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet kollha interessati biex jissottomettu l-kontribuzzjonijiet tagħhom bi tweġiba għall-mistoqsijiet li tqajmu f'dan id-dokument. Il-kontribuzzjonijiet mhux neċessarjament ikopru l-mistoqsijiet kollha mqajma f'dan id-dokument.

Il-kontribuzzjonijiet jiġu ppubblikati fuq l-internet, sakemm dak li jwieġeb ma jitlobx b'mod espliċitu li l-preżentazzjoni tiġi trattata b'mod kunfidenzjali. Huwa importanti li tinqara l-istqarrija speċifika tal-privatezza fuq kif l-informazzjoni personali u l-kontribuzzjoni sejrin jiġu indirizzati.

Rapport li jiġbor fil-qosor il-kontribuzzjonijiet sejjer jiġi ppubblikat ukoll fuq is-sit tagħna: http://ec.europa.eu/dgs/health_consumer/dgs_consultations/ca/consultation_20141130_tourism_en.htm

Jekk għandek xi mistoqsijiet oħra, tista' tibgħathom hawn:

SANCO-GREEN-PAPER-TOURISM-ACCOMM-SAFETY@ec.europa.eu